**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**It-8 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **l-Erbgħa 30 t'Ottubru 2013 fil-5:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Tisbiħ ta' Triq Antonio Chircop**
4. **Sotto-Kumitati għall-Festival Agrarju tal-Patata 2014 u Jum Il-Qrendi**
5. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
6. **Finanzi**
7. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-8 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar l-Erbgħa 30 ta' Ottubru 2013 fil-5:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tat-8:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi-Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tas-7 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

## 2. KORRISPONDENZA

2.1 Inqrat Memo 23/2013, mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Memo 23/2013 – LEAP – *Building the Future Together promoting Social Mobility.***

2.2 Inqrat Memo 24/2013, mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 24/2013 – *Bank Deposit Slips.***

2.3 Inqrat Memo 25/2013, mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 25/2013 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2013-2014.**

2.3.1 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li l-Festival Agrarju tal-Patata 2014 ma jistax isir fl-aħħar Ħadd ta' Mejju u dan minħabba li dakinhar se jkun magħruf ir-riżultat tal-elezzjoni tal-Parlament Ewropew.

2.3.2 Għaldaqstant il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li l-Festival Agrarju tal-Patata jiġi organizzat nhar is-Sibt 10 ta' Mejju 2014.

2.4 Inqrat Memo 26/2013, mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Memo 26/2013 – Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali.**

2.4.1 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li sat-Tnejn 4 ta' Novembru 2013 f'12pm se jkunu qegħdin jintlaqgħu rikjesti għall-ambaxxatur tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.4.2 Barraminnhekk ġie deċiż li d-deċiżjoni se tittieħed waqt laqgħa tal-Kunsill Lokali matul il-ġimgħa ta’ wara minħabba li sal-Ġimgħa 8 ta’ Novembru l-Kunsill irid jgħaddi l-isem tal-ambaxxatur/ambaxxatriċi tal-Kunsill Lokali.

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Elezzjoni biex jinħatar Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Is-Sibt 12 ta’ Ottubru 2013.**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ringrazzjament.**

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Med Programme – Call for Proposals on Integrated Maritime Approach.***

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Lectures* għal pensjonanti – kull nhar ta’ Ħamis mid-9am sal-11am u jibdew mill-10 ta’ Ottubru 2013.**

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Permessi tal-Krejnijiet *Online.***

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa – Reġistru Elettorali ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern.**

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Skema għall-Attivitajiet Kulturali.**

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 38: Attivitajiet Kulturali.**

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Leave Planning and Accumulation of Vacation Leave.***

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lokali, bit-titlu **20 Sena Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.**

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case 503/13 – LC Qrendi – Bring In Sites.***

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***PQ 4907 – For Your Attention.***

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmel Abela, Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Laqgħa dwar is-sitwazzjoni f'Wied iż-Żurrieq, Il-Qrendi.**

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 64/2013 – Proġett SEEMORE – Seminar Dwar Mobilita' Sostenibbli.**

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 67/2013 – Laqgħa għall-Kunsillier ta' Malta u Għawdex, is-Sibt 7 ta' Diċembru 2013 fil-Lukanda Dolmen Resort, Il-Qawra.**

2.19.1 Is-Sindku David Schembri, l-Viċi-Sindku Charles Zerafa u l-Kunsillieri Daniel Farrugia, Daniela Farrugia u Olympia Sant ikkonfermaw li se jkunu qegħdin jattendu għal din il-laqgħa.

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 69/2013 – Stedina għal 'Djalogu maċ-Ċittadini' dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea.**

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 70/2013 –** ***Vote 16 Seminar*** **– 26 ta' Ottubru 2013.**

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Elizabeth Vassallo mir-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu ***Qrendi Route.***

2.22.1 Is-Sindku David Schembri spjega s-sitwazzjoni li nqalgħet ma' Gwardjan Lokali partikolari fuq ċitazzjonijiet li bdew jingħataw fil-lokalita' tagħna.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.22.2 Qal li wara li saret pressjoni mar-Reġjun tan-Nofsinhar ġie deċiż li għalissa dan il-Gwardjan Lokali mhux se jibqa' fuq ir-rotta tal-Qrendi.

2.22.3 Żied li l-ilmenti li daħlu min-naħa tar-residenti kienu mibgħuta lir-Reġjun tan-Nofsinhar, kif ukoll intbagħtu ittri ta' kontestazzjoni mingħand dawk il-persuni li qalgħu ċitazzjoni.

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno mill-GAL Xlokk, bit-titlu ***M413.A6 – Technical Assistance.***

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno mill-GAL Xlokk, bit-titlu ***M125 – Declaration Letter and Final Marks.***

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno mill-GAL Xlokk, bit-titlu ***M125 – Second Call.***

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmel S. Micallef, Prinċipal tal-Kulleġġ San Benedittu, bit-titlu **SBC.**

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmel S. Micallef, Prinċipal tal-Kulleġġ San Benedittu, bit-titlu ***Health Hazards at Qrendi School Entrance.***

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Sergio Grech, Assistent Kap tal-Iskola Primarja tal-Qrendi, bit-titlu **EkoSkola.**

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Oliver Farrugia mill-MTA, bit-titlu **Maqluba.**

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Michael Bajada mis-Saħħa għall-Kura Primarja, bit-titlu ***Influenza Vaccine for the 2013 campaign.***

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Lara Gerada mill-Promozzjoni tas-Saħħa, bit-titlu **Sessjonijiet tal-*Aerobics* fil-Qrendi.**

2.31.1 Is-Sindku spjega kif inqalgħet diffikulta' żgħira fuq il-kontribuzzjoni ta' €1 sabiex tingħata lill-Iskola Primarja u dan minħabba li l-kors se jkun qiegħed isir fil-*premises* tal-iskola.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.31.2 Qal li bħala Kunsill Lokali tkellimna mal-Kumitat Olimpiku Malti dwar din is-sitwazzjoni u qegħdin naraw jekk huwiex possibli li nsibu għajnuna min-naħa f'dan ir-rigward.

2.31.3 Is-Sindku kompla li jekk kemm-il darba dan il-kors isir bla ħlas, il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jiġi f'kunflitt t'interess minħabba li l-Kunsill mhux qiegħed jisponsorja xi korsijiet partikolari.

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Cilia miċ-Ċentru ta' Riżorsa Dun Manwel Attard, Wardija, bit-titlu ***Job Exposure Scheme – Wardija.***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur George Galea mill-Iskola Sekondarja tal-Bniet ta' Santa Luċija, bit-titlu ***St Lucia Girls Secondary School.***

2.33.1 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li fil-preżent m'għandniex nieħdu sehem f'din l-attivita'.

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Naudi, *EU Fund Officer* fil-*Paying Agency*, bit-titlu ***M313 Project.***

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Rene Savona Ventura, *Operations Manager IPSL,* bit-titlu **Ħaddiema tal-IPSL.**

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Guido Zammit mill-ETC, bit-titlu **Impjegati bil-*Community Scheme.***

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Neville Calleja, Segretarju fil-*Health Ethics Committee,* bit-titlu **Kwestjonarju lir-Residenti Qrendin.**

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Charlene Mercieca Magro minn GreenPAK, bit-titlu ***Launch of the Treasures for Inspire Project.***

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ivan Mifsud mill-*Water Services Corporation,* bit-titlu ***Proposed Infrastructural Works by Local Council.***

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Froukje de Jong bit-titlu ***Visit.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Denise Baker bit-titlu ***Slippery Water's Edge.***

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Bernardette Azzopardi bit-titlu **Bla Nifs.**

2.43 Inqrat ittra mis-Sur Gordon Sacco, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Lourdes dwar bank f'Misraħ Santa Marija.

2.43.1 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li dan il-bank partikolari għandu jitneħħa minn postu u jiġi nstallat f'post ieħor.

2.44 Inqrat ittra mibgħuta minn Fr. Charles Fenech, Direttur Ġenerali tal-Moviment Kerygma, bit-titlu **Premju Żagħżugħ tas-Sena 2013.**

2.44.1 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li sal-Ġimgħa 8 ta' Novembru 2013 f'12pm għandhom jiġu proposti żgħażagħ għal dan il-premju.

## 3. <u>TISBIĦ TA' TRIQ ANTONIO CHIRCOP</u>

3.1 Is-Sindku David Schembri qal li dan it-tisbiħ qed jittieħed bis-serjeta' min-naħa tal-Kunsill Lokali.

3.2 Ippropona li għandna noħorġu sejħa għall-offerti sabiex isir dan il-proġett.

3.3 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li għandha toħroġ sejħa għall-offerti f'Jannar li ġej.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 4. SOTTO-KUMITATI GĦALL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2014 U JUM IL-QRENDI

4.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Viċi-Sindkuż Charles Zerafa se jkun iċ-ċerpersin taż-żewġ sotto kumitati, kemm dak tal-Festival Agrarju tal-Patata kif ukoll ta' Jum il-Qrendi.

4.2 Il-Viċi-Sindku qal li għas-sotto-kumitat tal-Festival Agrarju tal-Patata 2014 qiegħed jipproponi lis-sinjuri Raymond Farrugia, John Cachia, Carmelo Farrugia, Matthew Kassar u Jurgen Xerri.

4.2.1 Żied li min-naħa tiegħu se jkun qiegħed ikellem lil dawn il-persuni sabiex jara jekk humiex interessati li jiffurmaw parti minn dan is-sotto-kumitat.

4.3 Dwar is-sotto-kumitat ta' Jum il-Qrendi, il-Viċi-Sindku ppropona lis-sinjuri li ġejjin: John Buttigieg, Maria Magro, Alison Bartolo, Joseph Cutajar u Sephora Borg.

4.3.1 Il-Viċi-Sindku qal li diġa' għandna qafas ta' kif se jkunu r-regolamenti sabiex jintgħażel persuna għall-Ġieh il-Qrendi, imma rridu naraw kif dawn ir-regolamenti se jkunu utli għal raħalna.

## 5. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

5.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar mawra li kellu fiċ-Ċina li kienet tikkonċerna l-agri-turiżmu.

5.1.1 Qal li hu flimkien mas-Sindku tal-Qala Għawdex, kienu qegħdin jirrappreżentaw lil Malta u żied li min-naħa tiegħu tkellem ukoll ħafna dwar il-Qrendi.

5.2 Is-Sindku tkellem ukoll dwar korrispondenza li rċevejna mingħand is-Sinjura Froukje de Jong dwar il-parteċipazzjoni sħiħa u l-għajnuna sabiex jirbħu d-dritt li jkunu l-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018 flimkien mal-Belt

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Valletta.

5.2.1 Żied li meta din is-sinjura flimkien mar-raġel tagħha jżuru pajjiżna, se jiltaqgħu mal-Kunsill Lokali kollu.

5.3 Is-Sindku tkellem dwar il-kompetizzjoni għal żjara fil-Parlament Ewropew fi Brussell, fejn spjega kif żewġ żgħażagħ se jkollhom dan iċ-ċans uniku.

5.3.1 Qal li min-naħa tal-Kunsill Lokali, is-Sinjura Stephania Grixti se tkun qiegħda takkumpanja lil dawn iż-żewġ żgħażagħ, bħala rappreżentanta tal-istess Kunsill.

5.4 Is-Sindku tkellem dwar attivita' li l-Kunsill Lokali beħsiebu jorganizza nhar is-Sibt 21 ta' Diċembru 2013.

5.4.1 Żied li din l-attivita' se ssir sabiex jinġabru fondi b'riżq id-Dar tal-Providenza.

5.4.2 Semma' kif l-istazzjon RTK se jkunu qegħdin jgħinuna f'din l-attivita' billi jagħmlu kollegamenti diretti u jinfurmaw lis-semmiegħa tagħhom dwar dan il-ġbir għad-Dar tal-Providenza.

5.5 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li tkun xi ħaġa sabiħa jekk il-Kunsill Lokali jerġa' jipprova esperiment li kien sar lura għall-2010.

5.5.1 Qal li fl-2010 il-Kunsill Lokali kien ħa ħsieb li jintramaw *speakers* f' parti minn Triq Rokku Buhagiar u Triq il-Kbira, fejn kienu qegħdin jindaqqu diski tal-Milied u f'dik is-sena kienu qegħdin jixxandru promozzjonijiet għall-attivita' kulturali Il-Milied fil-Maqluba.

5.5.2 Żied li tkun ideali jekk il-Kunsill Lokali jimraħ u jiftaħ l-orizzonti tiegħu billi jżid dawn l-*ispeakers* li jkunu mifruxa f'Misraħ Santa Marija, parti minn Triq il-Parroċċa, Triq Rokku Buhagiar, Triq il-Kbira u Triq il-Knisja.

5.5.3 Spjega kif il-ħsieb hu li din il-mużika tal-Milied tindaqq mis-Sibt 21 ta' Diċembru 2013 sal-Erbgħa 1 ta' Jannar 2014.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.5.4 Qal li min-naħa tal-Kunsill Lokali diġa' bagħtna għall-kwotazzjonijiet mingħand kumpaniji differenti.

5.5.5 Spjega kif tkellimna ma' Transient Light & Sound, Studio 7 kif ukoll ma' Best Team Audio.

5.5.6 Min-naħa tiegħu semma l-kwotazzjonijiet li waslu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u qal li Studio 7 kkwotaw is-somma ta' €612.42, filwaqt li Transient Light & Sound ikkwotaw is-somma ta' €519.20. Min-naħa l-oħra Best Team Audio ma xtaqux li jikkwotaw għal din is-sejħa.

5.5.7 Il-Viċi-Sindku ppropona li għandna naċċettaw il-kwotazzjoni ta' Transient Light & Sound minħabba li hija l-irħas offerta u l-aktar waħda vantaġġjuża, filwaqt li nkunu qegħdin indaħħlu aktar atmosfera tal-Milied fil-lokalita' tagħna.

5.5.8 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* ma' din il-proposta.

## 6. **FINANZI**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €70,770.16c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 10/13 u €109.88c skont il-*Petty Cash* Ref Q/09.

6.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

6.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill qabel *nem. con.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 25 ta' Novembru 2013 fil-5pm.

7.1.1 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* fuq il-ħin ta' din il-laqgħa.

________________________ ________________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**